

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>**Suċċessjonijiet**
Suċċessjonijiet

Malta

L-Artikolu 78 (a) - I-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'ġuriżdizzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjeta skont l-Artikolu 45(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 50(2)

Il-Qorti b'ġuriżdizzjoni biex tittratta applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjeta' hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Appell kontra tali deċiżjoni jsir quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

L-Artikolu 78 (b) - il-proċeduri ta' biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 51

Ara d-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dwar ritrattazzjoni

L-Artikolu 78 (c) - informazzjoni rilevanti rigward l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 64

L-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċertifikat skond l-Artikolu 64 hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) u n-Nutara li jkollhom warrant skond l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili.

L-Artikolu 78 (d) - il-proċeduri ta' rimedju msemmija fl-Artikolu 72

Il-kontestazzjoni għandha tiġi ppreżentata permezz ta' rikors ġuramentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jsir fil-Qorti ta' l-Appell.

L-aħħar aġġornament: 21/09/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.